MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 88/1997/2

***Power Projects Limited***
***v.***
***Serena Holidays Limited***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija fis-27 ta' April 2010 li ikkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas biss parti mis-somma mitluba mill-attriċi u ordnat illi l-imgħax jibda jgħaddi minn dakinhar tas-sentenza. L-appell huwa biss mid-deċiżjoni dwar minn meta kellu jibda jgħaddi l-imgħax.

2. Is-soċjetà attriċi kienet talbet illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallasha tlittax il-elf, seba' mija u sittax-il lira

u għoxrin ċenteżmu (Lm13,716.20) – illum wieħed u tletin elf, disa' mija u ħamsin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€31,950.15) – prezz ta' *panoramic lift* u tqegħid u *commissioning* tiegħu f'lukanda proprjetà tas-soċjetà konvenuta. Il-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni (i) illi t-talba hija intempestiva, billi l-*lift* ma kienx tal-kwalità miftiehma u t-tqegħid ma sarx sew, u (ii) illi s-somma mitluba hija wisq.

3. L-ewwel qorti qatgħet il-kawża billi ikkundannat lill-konvenuta tħallas lill-attriċi ħdax-il elf u wieħed u għoxrin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€11,021.15), bl-imgħax minn dakinhar tas-sentenza wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawża magħmula mis-soċjetà attriċi sabiex is-soċjetà konvenuta tħallas lilha l-ammont ta' €20,929 (Lm13,716.20) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar rappreżentanti valur u provista, installazzjoni u *commissioning* ta' *paranomic lift* mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta … … ... filwaqt li min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta eċċepiet li t-talba hija intempestiva għaliex il-*lift* hekk supplit u l-materjal użat għall-installazzjoni tiegħu ma kinux skont il-kwalità pattwita u x-xogħol ta' installazzjoni ma sarx skont is-sengħa u l-arti; ingħad ukoll li l-ammont mitlub huwa inkorrett u eċċessiv.

"Illi l-periti tekniċi … … … ikkonkludew li:-

"(1) Li l-*lift* kif gie fornut fil-partijiet l-iktar neċessarji kien aċċettabbli għall-fini ta' kif kien speċifikat u aċċettat mill-attur [*recte*, mis-soċjetà konvenuta].

"(2) Illi kif ġie mibgħut il-*lift* kellu nuqqasijiet ta' aċċessorji minn kif kien speċifikat.

"(3) Illi kien hemm partijiet li ġew installati ħażin jew il-materjal tagħhom kien difettuż.

"(4) Illi s-soċjetà konvenuta fiċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom ma aċċettatx l-atteġġament tas-soċjetà attriċi rigward il-mod kif ġiet trattata, b'dan li daħħal terzi persuni sabiex jirranġaw in-nuqqasijiet li kien hemm.

"(5) Illi l-kabina kellha nuqqasijiet ta' *weather proofing* u forsi wkoll ippenetra xi ilma mil-*landing doors.*

"Illi għalhekk ikkonkludew li ħafna min-nuqqasijiet setgħu jiġu rranġati – u fil-fatt hekk għamlet is-soċjetà konvenuta wara xi żmien konsiderevoli, anke jekk l-istess saru bi spiża, dewmien u skariġġi oħra, u tali spejjeż addizzjonali

sabiex il-*lift* ġie supplit u nstallat joqrob għall-fini ta' kuntratt li kellha tforni s-soċjetà attriċi kien jammonta għal għoxrin elf, disa' mija u disgħa u għoxrin euro (€20,929).

"Illi skont is-sentenza fl-ismijiet Farrugia *vs* Portelli *et* (A.Ċ. – 9 ta' Ottubru 1987) l-appaltaturi għandhom jipprestaw opera sodisfaċenti u jirreżistu kull intromissjoni ta' minn jinkarigahom, u ma jistgħux jeżonoraw ruħhom minn responsabilità ta' xogħol skont is-sengħa għaliex igħidu li x-xogħol li għamlu sar hekk fuq insistenza tas-sid. Konformament ma' dan, l-appaltatur ma huwiex meħlus mir-responsabbiltà u din anzi tibqa' tissussisti minkejja li kien hemm "l-approvazzjoni" tax-xogħol mis-sid, u dan iktar u iktar meta tali difetti fix-xogħol ma jkunux immedjatament apparenti u ma jkunux jistgħu jiġu skoperti fil-mument ta' installazzjoni jew konsenja, u l-appaltatur għandu jagħmel tajjeb għad-difetti li joħorġu wara (Bonaventura Camilleri *vs* John Cuschieri – P.A. (PS) – 31 ta' Jannar 2003).

"Illi hemm differenza bejn dawk li huma difetti essenzjali li jipprivaw il-ħaġa mill-iskop jew utilità tagħha, b'mod li ma tibqax tajba għall-użu intenzjonat għaliha u b'hekk il-kommittent għandu dritt jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt minħabba inadempjenza, u difetti mhux essenzjali, meta ma jistax jingħad li l-appaltatur huwa inadempjenti, iżda għandu l-obbligu li jirrepara għad-difetti jew li jaċċetta riduzzjoni fil-prezz tal-opera minnu fornita.

"Illi fil-każ li jridu jiġu eliminati tali difetti, il-kommittent għandu qabel xejn jirrivolġi għal dan għand l-appaltatur u jekk dan ma jagħmel xejn jew ma jintlaħaqx ftehim, ix-xogħol rimedjali jista' jsir mill-kommittent u dan "mingħajr il-ħtieġa ta' konferma ġudizzjali tal-inadempjent u tal-konsegwenti kundanna tal-appaltatur għall-attwazzjoni speċifika". F'dan il-każ allura l-kommittent jista' jitlob il-ħlas ta' danni lilu kkaġunati u dan jemani mill-artikolu 1125 tal-Kap. 16 li jobbliga lil kull min jonqos milli jesegwixxi l-obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, li jħallas id-danni (Vol. XXX.i.62), u dan iktar u iktar fil-każ meta l-appaltatur ma jwiġibx jew ma jirranġax huwa d-difetti li hemm fix-xogħol kommissjonat, meta hekk interpellat.

"Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami jirriżulta li l-*lift* kif installat mis-soċjetà attriċi kellu numru ta' difetti fuq elenkati mill-periti tekniċi, difetti li jistgħu jitqiesu li ma

kinux ta' natura essenzjali li jwasslu għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt ta' appalt, iżda xorta waħda serji u mhux traskurabbli, li setgħu jigu rettifikati b'interventi f'waqthom mis-soċjetà attriċi meta interpellata mis-soċjetà konvenuta permezz ta' protest gudizzjarju datat 30 ta' April 1997.

"Illi fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza ċitata, is-soċjetà attriċi kienet responsabbli li tirrimedja għall-istess meta interpellata, però jirrizulta li s-soċjetà attriċi dan irrifjutat li tagħmlu u fil-fatt ma għamlitux tant li għamlet din il-kawża u għalhekk is-soċjetà konvenuta kellha d-dritt u kienet kostretta hija sabiex hija stess tirimedja għall-istess difetti, u dan anke in konsegwenza tal-prinċipju li d-danneġġjat għandu obbligu li jimminimizza d-danni (Mario Blackman *vs* Paul Formosa, A.Ċ. – 5 t'Ottubru 1994) u dan is-soċjetà konvenuta setgħet tagħmlu mingħajr il-bżonn ta' awtorizzazzjoni ġudizzjarja. Dawn ix-xogħlijiet riparatorji saru mis-soċjetà konvenuta u b'effett ta' dan "ġabet il-*lift* fi stat li jaħdem, kif rawh il-periti tekniċi, u l-esponent il-perit legali, fl-aċċess tal-5 ta' Mejju 2006 ..." (para. 32 tar-rapport legali – *fol*. 137) u allura s-soċjetà attriċi hija responsabbli sabiex tħallas l-ispejjeż ta' riparar, li jammontaw għal €20,929, u allura tali ammont għandu jitnaqqas mill-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni attriċi ta' €31,950.15 (Lm13,716.20), u għalhekk jibqa' bilanċ favur is-soċjetà attriċi ta' €11,021.15, u fl-istess waqt la darba l-*lift* issa qed jopera sew l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta ġiet b'hekk sorvolata. Din hija l-konklużjoni raġġunta mill-perit legali u li jidher li l-partijiet adottaw peress li rremettew ruħhom għall-istess u għalhekk it-talba attriċi qed tiġi milqugħa biss għall-ammont ta' ħdax-il elf u wieħed u għoxrin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€11,021.15)."

4. B'rikors tas-7 ta' Mejju 2010 is-soċjetà attriċi appellat minn dik il-parti tas-sentenza li ordnat illi l-imgħax kummerċjali jibda jgħaddi biss minn dakinhar tas-sentenza flok minn meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju fil-11 ta' Marzu 1997. L-aggravji fissrithom hekk:

"i. Id-dejn dovut mis-soċjetà appellata lis-soċjetà appellanti huwa naxxenti minn obbligazzjoni ta' xorta kummerċjali.

"Issa, l-artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 jipprovdi li "Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi ezegwita".

"Isegwi għalhekk li f'materja ta' obbligazzjonijiet ta' xorta kummerċjali huma dovuti interessi *ipso jure* mill-ġurnata li fiha twettqet l-obbligazzjoni u sar dovut il-pagament.

"Kif determinat minn din l-onorabbli qorti bid-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Lulju 1994, wara l-kawża fl-ismijiet Francis Penza *vs* John Mallia, "Meta l-liġi stess tispeċifika li l-interessi huma esiġibbli *ipso jure* fil-kamp kummerċjali dan ifisser li huma aċċessorji għat-talba prinċipali".

"Isegwi li fil-każ odjern l-interessi legali huma aċċessorji għat-talba prinċipali, u huma wkoll dovuti *ipso jure;* isegwi allura *multo magis, una volta* li s-soċjetà attriċi appellanti, permezz tal-ittra uffiċjali tagħha tal-11 ta' Marzu 1997, interpellat lis-soċjetà konvenuta appellata sabiex tħallasha dak lilha dovut, l-imgħax legali fuq is-*sorte* finalment kanonizzata bis-sentenza appellata beda jiddekorri, u kellu jiġi kanonizzat, b'effett mid-data ta' dik l-ittra uffiċjali.

"ii. Xejn ma jiswa li mill-ammont oriġinarjament mitlub mis-soċjetà attriċi bl-atti taċ-ċitazzjoni s-soċjetà konvenuta ġiet ikkundannata mill-ewwel onorabbli qorti thallasha biss parti - Lm 4,731.38 (€11, 021.15), *oltre* l-*VAT* fuq tali ammont, flok Lm 13,716.20 u l-*VAT* fuqu.

"Fid-deċiżjoni tas-17 ta' Frar 2003, Appell Ċivili Nru 1012/1999 fl-ismijiet *Fogg Insurance Agencies Limited nomine vs* Paul Tabone, l-onorabbli Qorti tal-Appell (per Onor. Imħallef Philip Sciberras) għamlet is-segwenti konsiderazzjoni:

""Fuq l-aggravju tal-interessi u d-dekorriment tagħhom il-qorti tinnota li fil-korp tal-avviż l-atturi talbu somma determinata u speċifika. Jirriżulta li l-atturi interpellaw ġudizzjarjament lill-konvenut għall-hlas tagħha in sodis-fazzjon tad-danni pretiżi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi (O'Connor *vs* Bruno Olivier a Vol. XVI p. i p. 84). Il-fatt li l-qorti rriduċiet l-ammont ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx ukoll igħaddu minn dak in-nhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta."

"Il-konsiderazzjoni premessa tapplika b'mod perfett għall-*fattispecie* tal-każ odjern, u allura jiġġustifikaw il-

pretensjoni tas-soċjetà appellanti li s-soċjetà konvenuta appellata kellha tiġi ikkundannata mill-ewwel onorabbli qorti tħallas l-imgħax legali fuq is-*sorte* kanonizzata b'effett mid-data tal-interpellazzjoni għall-ħlas permezz tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Marzu 1997, u mhux b'effett mis-27 t'April 2010, id-data tas-sentenza appellata."

5. Is-soċjetà attriċi wieġbet fl-1 ta' Ġunju 2010.

6. Fil-fehma ta' din il-qorti, l-osservazzjoni li għamlet l-attriċi fir-rikors tal-appell tagħha, illi "huma dovuti interessi *ipso jure* mill-ġurnata li fiha twettqet l-obbligazzjoni u sar dovut il-pagament", twaqqa' l-argument kollu tagħha li l-imgħaxijiet kellhom jibdew igħaddu mill-11 ta' Marzu 1997. Fil-11 ta' Marzu 1997, u wkoll meta nbdiet il-kawża, l-attriċi kienet għadha ma wettqitx l-obbligazzjoni tagħha li tikkonsinja u tqiegħed *lift* li kien jaħdem sew u bla difetti u, billi *inadimplenti non est adimplendum*, il-konvenuta ma kinitx *in mora* meta ma ħallsitx u, għalhekk, ma bdewx igħaddu mgħaxijiet.

7. Fil-fatt l-attriċi baqgħet ma wettqitx l-obbligazzjoni tagħha ukoll waqt is-smigħ tal-kawża u kellha tkun il-konvenuta illi tqabbad u tħallas lil terzi biex jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa. Meta tqis illi dawn ix-xogħlijiet kienu jiswew għoxrin elf, disa' mija u disgħa u għoxrin euro (€20,929) u tqabbel dan ma' kemm kien jiswa l-*lift* – wieħed u tletin elf, disa' mija u ħamsin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€31,950.15) – ikollok tgħid illi n-nuqqas tal-attriċi ma kienx *de minimis* u illi din kienet radikalment inadempjenti fl-obbligazzjonijiet tagħha.

8. Billi għalhekk f'ebda waqt ma jista' jingħad illi l-attriċi kienet wettqet l-obbligazzjonjiet tagħha b'mod illi l-konvenuta titqies *in mora* talli ma ħallsitx ħlief minn dakinhar li ġiet bis-sentenza appellata kundannata illi tħallas, għamlet sew l-ewwel qorti meta ordnat illi l-imgħaxijiet igħaddu biss minn dakinhar tas-sentenza.

9. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lill-attriċi appellanti tħallas l-ispejjeż tal-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------